

**KONFERENZA DWAR L-ADEŻJONI
MAL-UNJONI EWROPEA
– MONTENEGRO –**

**Brussell, 15 ta' Diċembru 2025
(OR. en)**

AD 21/25

LIMITE

CONF-ME 8

DOKUMENT TA' ADEŻJONI

Suġġett: POŻIZZJONI KOMUNI TAL-UNJONI EWROPEA
- Kapitolu 13: Sajd

POŻIZZJONI KOMUNI TAL-UNJONI EWROPEA

Kapitolu ta' Negozjar 13: Sajd

Din il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq il-pożizzjoni ġenerali tagħha għall-Konferenza mal-Montenegro dwar l-Adeżjoni (AD 23/12 CONF-ME 2), u hija soġġetta għall-prinċipji ta' negozjar approvati fiha, b'mod partikolari:

- kwalunkwe fehma espressa minn kwalunkwe parti dwar kapitolu tan-negozjati ma għandha tippreġudika bl-ebda mod il-pożizzjoni li tista' tittieħed dwar kapitolu oħrajn.
- ftehimiet – anke ftehimiet parzjali – milħuqa matul in-negozjati dwar kapitolu li għandhom jiġu eżaminati suċċessivament ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala finali sakemm jiġi stabbilit ftehim globali.
- ir-rekwiżiti stipulati fil-punti 24, 28, 41 u 44 tal-Qafas ta' Negozjar.

L-UE tħeġġeġ lill-Montenegro jkompli l-proċess ta' allinjament mal-acquis tal-UE, filwaqt li tinnota li jista' jidħol fis-seħħ acquis addizzjonali qabel l-adeżjoni, biex jiżgura l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tiegħu, u jiżviluppa diġà qabel l-adeżjoni, politiki u strumenti kemm jista' jkun qrib dawk tal-UE.

L-UE tinnota li l-Montenegro, fil-pożizzjonijiet ta' negozjar tiegħu AD 1/16 CONF-ME 1 u AD 18/25 CONF-ME 5 jaċċetta l-acquis taħt il-Kapitolu 13 kif fis-seħħ fit-18 ta' Settembru 2025, u li jiddikjara li ser ikun lest li jimplementah sad-data tal-adeżjoni tiegħu mal-Unjoni Ewropea.

Prinċipji ġenerali

Bħala rispons ġenerali għat-talbiet tal-Montenegro, l-UE tfakkar fil-pożizzjoni ta' negozjar ġenerali tagħha li miżuri tranżitorji huma eċċezzjonali, għal żmien u kamp ta' applikazzjoni limitati, u akkumpanjati minn pjan bi stadji definiti ċari għall-applikazzjoni tal-acquis. Dawn ma għandhomx jinvolvu emendi għar-regoli jew il-politiki tal-UE, iħarbtu l-funzjonament korrett tagħhom, jew iwasslu għal distorsjoni sinifikanti tal-kompetizzjoni.

L-UE tfakkar fil-prinċipju ta' kompetenza esklużiva tal-UE għall-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar skont il-politika komuni tas-sajd. L-UE tfakkar fl-oġġettivi tal-Politika Komunitas-Sajd (PKS) li huma li jiġi żgurat li l-attivitajiet tas-sajd u l-akkwakultura jkunu ambjentalment sostenibbli fit-tul, jiġu ġestiti b'mod konsistenti mal-benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjiegi, u jikkontribwixxu għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel.

L-UE tissottolinja li l-aċċettazzjoni tal-acquis mill-Montenegro tfisser li huwa qed jaċċetta r-reġim tal-UE dwar l-aċċess għall-ilmijiet u r-riżorsi.

L-UE tinnota li s-settur tas-sajd fil-Montenegro huwa żgħir u li l-kapaċità amministrattiva eżistenti hija limitata.

Ġestjoni tar-Riżorsi u l-Flotta

L-UE tinnota l-progress sinifikanti li sar mill-Montenegro fl-allinjament tal-leġislazzjoni tiegħu dwar is-Sajd mal-acquis tal-UE fl-oqsma kollha koperti minn dan il-kapitolu.

L-UE tirrikonoxxi l-importanza tal-adozzjoni tal-**Istrateġija tas-Sajd 2024-2029** bi Pjan ta' Azzjoni komprensiv li jagħti dettalji dwar il-passi ewlenin għat-traspożizzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-acquis tal-UE bi tħejjija għal konformità sħiħa mal-PKS. L-UE thegġegħ lill-Montenegro jlesti r-riformi legali, amministrattivi u ta' investiment definiti sal-iskadenzi deskritti f'din l-Istrateġija.

L-UE tinnota l-adozzjoni tal-**Liġi** l-ġdida **dwar is-Sajd fil-Baħar** li tiffirma l-bażi għall-implimentazzjoni sħiħa tal-obbligi internazzjonali fil-livell nazzjonali. L-UE tinnota li l-liġi tallinja lill-Montenegro ma' parti kbira tal-acquis tal-Kapitolu 13 u tirrifletti l-**prinċipji ewlenin tal-PKS** u l-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs) rilevanti. Hija tirregola l-**ġestjoni tar-riżorsi u l-flotta**, l-istabbiliment tas-sistemi ta' **spezzjoni u kontroll**, il-ġestjoni ta' attivitajiet tas-sajd **illegali, mhux irrappurtati u mhux irregolati (IUU)**, il-**ġbir tad-data** fis-settur tas-sajd, il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar permezz ta' **miżuri tekniċi** u għandha l-għan li tiżgura sajd ekoloġikament sostenibbli, benefiċċji ekonomiċi u soċjali, impjiegi u disponibbiltà tal-ikel.

L-UE tqis li din il-liġi tirrappreżenta l-bażi legali fundamentali għas-settur tas-sajd. Din il-liġi ser tirrikjedi l-adozzjoni ta' aktar leġislazzjoni sekondarja biex jiġu indirizzati l-ispeċifitàt tekniċi li jinsabu fir-Regolamenti tal-UE relatati mas-sajd. Fost l-oħrajn, l-atti tal-leġislazzjoni sekondarja ser jippreskrivu regoli aktar dettaljati dwar il-kundizzjonijiet għall-kisba ta' liċenzji għas-sajd kummerċjali u rikreattiv, kif ukoll awtorizzazzjonijiet għal ċerti tipi ta' sajd kummerċjali, irkapti tas-sajd speċifiċi, kundizzjonijiet u restrizzjonijiet fuq it-tweqqif ta' attivitajiet tas-sajd, is-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti, is-superviżjoni tal-ispezzjonijiet, it-tikkettar tal-prodotti tas-sajd u r-rekwiżiti tat-traċċabbiltà, l-ispeċijiet li huwa pprojbit li jiġu mistada u d-daqsijiet minimi għal ċerti speċijiet ta' ħut, il-ġbir tad-data u dwar ir-reġistru tal-flotta tas-sajd. L-UE tistenna li l-leġislazzjoni sekondarja u l-ġabriet tar-regoli kollha jiġu adottati sad-data tal-adeżjoni. L-UE ser tissorvelja mill-qrib l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' din il-leġislazzjoni sekondarja.

Fil-qasam tal-**ġbir tad-data**, l-UE tilqa' l-isforzi tal-Montenegro biex jibni kapaċitajiet tekniċi u ta' riżorsi u l-impenn tiegħu li sad-data tal-adeżjoni, l-amministrazzjoni tas-sajd tkun tista' tiskambja d-data rilevanti kollha mal-Kummissjoni Ewropea.

L-UE tinnota li l-Montenegro jitlob il-perjodi tranżitorji li ġejjin għall-implimentazzjoni tal-acquis taħt dan il-kapitolu wara d-data tal-adeżjoni:

- Biex jiġi eżentat għal perjodu ta' tliet snin mill-applikazzjoni sħiħa tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, li jipprojbixxi l-użu ta' rkaptu rmunkat sa tliet mili nawtiċi mill-kosta jew f'livell ta' fond ta' 50 metru jekk dan il-fond jintlaħaq f'distanza iqsar mill-kosta, u tal-Anness IX, il-Parti A tar-Regolament (UE) 2019/1241 fir-rigward tas-sardin Ewropew (*Sardina pilchardus*), li jistabbilixxi daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni ta' 11 cm fil-Baħar Mediterran, u l-Parti B, il-punt 2 tar-Regolament (UE) 2019/1241, li jistabbilixxi d-daqs tal-malja bażi għax-xbieki tat-tidwir għal mill-inqas 14 mm għall-attivitajiet tas-sajd fil-Bajja ta' Boka Kotorska.

Il-Montenegro jitlob li, matul dan il-perjodu tranżitorju, l-użu ta' tartaruni tax-xatt b'daqg tal-malji ta' 12-20 mm, ikun permess fil-Bajja ta' Boka Kotorska bl-obbligu li jiġi adottat pjan ta' ġestjoni nazzjonali għax-xbieki tat-tidwir kollha skont l-Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1967/2006. Dan il-perjodu tranżitorju huwa mitlub peress li l-metodu tas-sajd bit-tartaruni tax-xatt ("potegače") fil-Bajja ta' Boka Kotorska huwa tradizzjoni kulturali li tmur lura sekli sħaħ u għandu komponent soċjoekonomiku qawwi għall-familji lokali. Skont il-valutazzjoni tal-Kummissjoni, l-UE tqis li dan l-irkaptu tas-sajd tradizzjonali fejn il-ħut ikun magħluq fix-xibka u miġbud manwalment lejn ix-xatt, jista' jitqies bħala xibka tat-tidwir, u b'hekk it-talba għal deroga mill-Artikolu 13(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 ma tkunx applikabbli. Din id-deroga temporanja ta' tliet snin mid-data tal-adeżjoni tingħata lil massimu ta' 24 bastiment żgħir u fil-biċċa l-kbira jinqadfu manwalment li l-liċenzji tas-sajd tagħhom mhumiex trasferibbli u ma jistgħux jinbiegħu, u li huma attivi biss matul xi perjodi tas-sena. Ma hemm l-ebda impatt fuq qiegħ il-baħar u l-volum tal-qabdiet li jirriżulta ta' madwar 150 kg huwa pjuttost żgħir, maħsub biss għas-suq lokali u jkun ittikkettat b'mod speċjali.

- Biex jiġi eżentat għal perjodu ta' tliet snin mill-applikazzjoni sħiħa tal-Artikolu 13(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, li jipprojbixxi l-użu ta' xbieki tat-tidwir bit-tartarun tal-borża sa 300 metru mill-kosta jew f'livell ta' fond ta' 50 metru fond jekk dan il-fond jintlaħaq f'distanza iqsar mill-kosta.

Il-Montenegro jitlob li, matul dan il-perjodu tranżitorju, l-użu ta' xbieki bit-tartarun tal-borża sa 70 metru għoli u 400 metru tul ikun permess sa 300 metru mill-kosta jew fil-livell ta' fond ta' 50 metru fond u f'fond ta' inqas minn 70 % tal-għoli totali tax-xibka tat-tidwir bit-tartarun tal-borża, bl-obbligu li jiġi adottat pjan ta' ġestjoni nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006. Din id-deroga temporanja ta' tliet snin mid-data tal-adeżjoni tingħata lil massimu ta' 17-il bastiment bil-bandiera Montenegrina. L-użu ta' dan l-irkaptu tas-sajd tradizzjonali huwa strettament limitat ġeografikament u fiż-żmien. Att subordinat ippjanat ser jispeċifika aktar il-kundizzjonijiet spazjotemporalijiet speċifiċi li japplikaw għal dawn il-bastimenti li jużaw xbieki bit-tartarun tal-borża fil-Bajja ta' Boka Kotorska u s-siti ta' ħatt l-art deżinjati għal dawn sabiex tittejjeb l-effiċjenza tal-kontroll u tal-monitoraġġ.

- Biex jiġi eżentat għal perjodu ta' tliet snin mill-applikazzjoni shiġa tal-Anness IX, il-Parti C, il-punt 2, tar-Regolament (UE) 2019/1241, li jillimita t-tul tat-tartaruni tal-borża u tat-tartaruni mingħajr vajjina għal 800 metru b'waqgħa ta' 120 metru, ħlief għat-tartaruni tal-borża użati għas-sajd dirett tat-tonn.

Il-Montenegro jitlob li, matul dan il-perjodu tranżitorju, l-użu tax-xbieki bit-tartarun tal-borża b'għoli sa 180 metru, ikun permess bl-obbligu li jiġi adottat pjan ta' ġestjoni nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006. Din id-deroga temporanja ta' tliet snin mid-data tal-adeżjoni tingħata lil massimu ta' tliet bastiment li jtajru l-bandiera Montenegrina fl-ibħra territorjali u skont il-kwoti tal-qbid stabbiliti. Id-deroga temporanja hija mitluba minħabba l-ġeomorfoġija tal-baċir Adrijatiku. Faċċata tal-Montenegro hemm l-akbar fond tal-Baħar Adrijatiku (1 300 metru), b'kurrenti qawwija deġlin 'il ġewwa u ilma trasparenti ħafna. Il-ħut faċilment joħroġ minn taħt ix-xibka u t-tibdil fil-klima ġeneralment jikkawża żieda fit-temperaturi tal-baħar, b'riżultat li l-ħut imur f'ilmijiet aktar fondi. Il-Montenegro jqis li l-bidliet fil-kostruzzjoni tax-xbieki bit-tartarun tal-borża, li speċifikament jillimitaw l-għoli tagħhom għal 120 metru, itellfu ħafna l-qabdi ta' ħut pelaġiku żgħir, inaqqsu b'mod sinifikanti l-kwantitajiet tal-qabdi u b'hekk dan is-settur ma jħallix qligħ.

L-UE tieħu nota li l-perjodi tranżitorji ta' hawn fuq intalbu minħabba l-ispeċifità tal-kosta tal-Montenegro u għall-preservazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd tradizzjonali. L-UE tirrikonoxxi li l-perjodi tranżitorji mitluba għandhom kamp ta' applikazzjoni limitat ħafna kemm fl-applikazzjoni ġeografika u temporali tagħhom kif ukoll f'termini ta' għadd ta' bastimenti kkonċernati u kwantitajiet stmati ta' qabdiet. Il-miżuri restrittivi u l-kundizzjonijiet addizzjonali jkomplu jżommu l-użu u l-impatt ta' dawn il-perjodi tranżitorji f'livell minimu. Barra minn hekk, huwa importanti li wieħed jinnota li l-attivitajiet tas-sajd koperti minn dawn il-perjodi tranżitorji ma għandhom l-ebda impatt sinifikanti fuq l-ambjent tal-baħar u li, sad-data tal-adeżjoni, il-Montenegro ser ikollu jikkonforma mal-obbligi relatati mal-protezzjoni tal-ħabitats u tal-ispeċijiet tal-baħar affettwati mill-attivitajiet tas-sajd kif meħtieġ skont ir-Regolamenti 1967/2006 u 2019/1241. Abbażi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, l-UE għalhekk tqis li t-talbiet ta' hawn fuq għal perjodi tranżitorji għal perjodu ta' tliet snin mid-data tal-adeżjoni huma aċċettabbli u taqbel mal-arranġamenti speċifiċi deskritti hawn fuq.

Politika dwar is-suq

L-UE tinnota li l-**Liġi** tal-Montenegro **dwar l-Organizzazzjoni tas-Suq fis-Sajd u l-Akkwakultura** tistabbilixxi l-bażi għar-regolamentazzjoni tas-suq tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura filwaqt li tiżgura l-funzjonament effiċjenti tas-suq għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, il-kundizzjonijiet għat-tikkettar tal-prodotti mqiegħda fis-suq, it-tisħiħ tal-kompetittività tal-produtturi permezz tal-istabbiliment ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi, flimkien ma' kontroll adegwat tal-implimentazzjoni tal-miżuri tal-organizzazzjoni tas-suq. Il-Liġi hija allinjata mar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura. L-UE tistenna lill-Montenegro jlesti l-allinjament tiegħu mal-acquis tal-UE fil-qasam tal-politika tas-suq bl-adozzjoni ta' leġislazzjoni sekondarja rilevanti sad-data tal-adeżjoni.

Azzjonijiet strutturali u għajnuna mill-Istat

L-UE tinnota li l-**Liġi tal-Montenegro dwar il-Miżuri Strutturali u l-Allokazzjoni tal-Għajnuna mill-Istat fis-Sajd u l-Akkwakultura** tippreskrivi l-mekkaniżmi għall-politika strutturali u l-implimentazzjoni ta' **miżuri strutturali** u hija allinjata mar-Regolament (UE) 2021/1060 u r-Regolament dwar il-FEMSA (ir-Regolament 2021/1139). L-UE tiegħu nota li l-Liġi tiddefinixxi wkoll l-**għajnuna mill-Istat** u l-alkokazzjoni tal-għajnuna mill-Istat u hija allinjata mal-Artikolu 107 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

L-UE tiegħu nota tal-impenn tal-Montenegro li jemenda l-leġiżlazzjoni eżistenti fejn din tkun f'konflitt mal-Liġijiet qafas li għadhom kif ġew adottati f'dan il-Kapitolu tal-acquis sad-data tal-adeżjoni. L-UE tappella lill-Montenegro jabbazza u jippreżenta deskrizzjoni ċara tal-ħidma ta' emenda ppjanata.

Ftehimiet internazzjonali

L-UE tiegħu nota li l-Montenegro m'għandu l-ebda ftehimiet dwar is-sajd ma' pajjiżi terzi. L-UE tfakkar li l-Montenegro, fid-data tal-adeżjoni jew fl-iktar data kmieni possibbli wara din, ser ikollu jirtira minn ftehimiet bilaterali dwar is-sajd, sakemm ma jipprovdex aċċess għar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar ta' pajjiż terz.

L-UE tissottolinja l-impenn tal-Montenegro li jaċċetta u jimplimenta l-impenji internazzjonali tal-UE fil-qasam tas-sajd. F'dan ir-rigward, l-UE tinnota l-adeżjoni tal-Montenegro fil-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM) f'Jannar 2008 u r-ratifika tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) f'Lulju 2025. Jekk il-Montenegro jkollu rekord storiku ta' qabdiet fi ħdan l-ICCAT, dawn iċ-ċifri jiġu inkorporati fit-totali tal-qabdiet eżistenti tal-Unjoni Ewropea. Il-koeffiċjent tal-alkokazzjoni attwali applikabbli għall-Istati Membri eżistenti ma għandux ikun soġġett għal modifika.

L-UE tieħu nota tal-impenn tal-Montenegro biex jirratifika l-Ftehim tan-NU għall-Implimentazzjoni tad-Dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Konservazzjoni u l-Maniġġar ta' Stokkijiet ta' Ħut Trans-Żonali u Stokkijiet ta' Ħut li Jpassi Ħafna sad-data tal-adeżjoni.

L-UE tfakkar fil-ħidma li għaddejja mill-Kummissjoni Ewropea biex tevalwa l-prestazzjoni u l-impatt tar-Regolament PKS (UE) Nru 1380/2013, kif ukoll l-implimentazzjoni li għaddejja tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, kif emendat bir-Regolament (UE) 2023/2842 (ir-Regolament rivedut dwar il-Kontroll tas-Sajd) permezz ta' għadd ta' atti leġislattivi sekondarji, b'regoli ġodda li jidħlu fis-seħħ sal-2029. L-UE tistieden lill-Montenegro jżomm lilu nnifsu infurmat regolarment dwar l-iżviluppi dwar il-Kapitolu 13 tal-acquis.

Akkwakultura

L-UE tieħu nota li l-Montenegro adotta wkoll **Liġi** ġdida **dwar l-Akkwakultura** li tistabilixxi l-bażi legali għall-funzjonament effiċjenti tas-settur, li tiddefinixxi l-kundizzjonijiet għall-għoti u r-revoka tal-liċenzji tal-akkwakultura, it-tqegħid fis-suq prodotti tal-akkwakultura, il-ġestjoni ta' speċijiet aljeni u li ma jinstabux lokalment u l-ġbir ta' data fis-settur. Madankollu, ser jinkiseb allinjament sħiħ permezz tal-adozzjoni ta' leġislazzjoni sekondarja, biex ir-Regolament dwar l-użu ta' speċijiet aljeni u li ma jinstabux lokalment fl-akkwakultura jsir applikabbli (ir-Regolament (KE) Nru 708/2007), u l-adozzjoni ta' Pjan Nazzjonali għall-Akkwakultura, li diġà qed jitħejja. L-UE tistenna li l-Montenegro jkun adotta l-leġislazzjoni sekondarja u l-ġabriet tar-regoli kollha meħtieġa sad-data tal-adeżjoni.

Qafas istituzzjonali u kapaċitajiet amministrattivi għall-ispezzjoni u l-kontroll

L-UE tinnota li l-Montenegro stabbilixxa **qafas regolatorju u istituzzjonali** adegwat, inkluż Direttorat maħtur għas-Sajd fil-Ministeru għall-Agricoltura, il-Forestrija u l-Ġestjoni tal-Ilma (MAFWM) u korpi ta' spezzjoni komplementari bħad-Direttorat tas-Sikurezza Alimentari, l-Affarijiet Veterinarji u Fitosanitarji u l-Pulizija tal-Fruntieri taħt il-Ministeru għall-Affarijiet Interni. Għall-miżuri strutturali, l-għajnuna mill-Istat u l-politiki tas-suq, is-Servizz tal-Kontabbiltà tal-MAFWM, id-Dipartiment għall-Miżuri Strutturali, l-Għajnuna mill-Istat, il-Fondi tal-UE u l-Organizzazzjoni tas-Suq fis-Sajd u l-Akkwakultura u d-Dipartiment għall-Analiżi Ekonomika huma involuti wkoll, u għall-ġbir tad-data, l-Istitut tal-Bijoloġija tal-Baħar f'Kotor (IMBK) u l-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Montenegro (MONSTAT) għandhom rwoli importanti.

L-UE tilqa' l-impenn kontinwu tal-Montenegro li jsaħħa il-**kapaċitajiet amministrattivi, ta' kontroll u ta' spezzjoni** tiegħu. Il-pjan ta' Azzjoni għat-Tisħiħ tal-Kapaċitajiet Amministrattivi, ta' Spezzjoni u ta' Kontroll ġie adottat f'Lulju 2025. L-UE tappella lill-Montenegro jkompli l-attivitajiet tiegħu għar-reklutaġġ ta' 13-il membru tal-persunal addizzjonali sal-2028, biex b'hekk l-għadd totali ta' impjegati fid-Direttorat għas-Sajd jitla' għal 24, kollha direttament responsabbli għall-implimentazzjoni tal-PKS.

L-UE tinnota l-impenn tal-Montenegro li jissostitwixxi u jakkwista tagħmir ġdid tal-IT għad-Direttorat u ċ-Ċentru ta' Monitoraġġ tas-Sajd (FMC) li għadu kif ġie stabbilit, u li jakkwista vetturi ġodda għat-timijiet ta' spezzjoni sad-data tal-adeżjoni.

L-UE tiegħu nota b'sodisfazzjon tal-isforzi tal-Montenegro biex iżid ir-responsabbiltajiet ta' superviżjoni tal-ispezzjoni lil uffiċjali awtorizzati mill-Pulizija tal-Fruntieri, u biex jiffoka fuq it-taħriġ ta' aġenti awtorizzati, biex b'hekk jkompli jissaħħu l-kapaċitajiet ta' spezzjoni.

L-UE tistenna li l-Montenegro jkompli bl-isforzi tiegħu biex jimplimenta u jinforza bis-sħiħ l-acquis fil-Kapitolu 13 b'mod li jiżgura l-applikazzjoni effettiva u effiċjenti tiegħu b'hekk jiġu garantiti r-responsabbiltà, l-ekwità, it-trasparenza u salvagwardji b'saħħithom kontra l-korruzzjoni fil-livelli kollha. L-UE ser issegwi mill-qrib l-implimentazzjoni tal-impenji tal-Montenegro, inkluż aġġustamenti għall-qafas legali tiegħu permezz ta' leġislazzjoni sekondarja u kapaċitajiet amministrattivi maħsuba.

* * *

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, l-UE tinnota li, f'dan l-istadju, dan il-kapitolu ma jeħtiegħ aktar negozjati.

Il-monitoraġġ tal-progress fl-allinjament mal-acquis tal-UE u fl-implimentazzjoni tiegħu ser ikompli tul in-negozjati. L-UE tissottolinja li ser tagħti attenzjoni partikolari għall-monitoraġġ tal-kwistjonijiet speċifiċi kollha msemmija hawn fuq bil-ħsieb li tiżgura l-kapaċità amministrattiva tal-Montenegro li jinforza l-acquis f'dan il-kapitolu. Jeħtiegħ li tingħata konsiderazzjoni partikolari lir-rabtiet bejn dan il-kapitolu u kapitoli oħrajn tan-negozjar. Evalwazzjoni finali tal-konformità tal-leġiżlazzjoni tal-Montenegro mal-acquis u tal-kapaċità ta' implimentazzjoni tiegħu tista' ssir biss fi stadju aktar tard tan-negozjati. Minbarra l-informazzjoni kollha li l-UE tista' titlob għan-negozjati f'dan il-kapitolu u li għandha tingħata lill-Konferenza, l-UE tistieden lill-Montenegro biex jagħti regolarment informazzjoni dettaljata bil-miktub lill-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-acquis.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha ta' hawn fuq, jekk meħtiegħ, l-UE ser terġa' lura għal dan il-kapitolu f'mument opportun.

L-UE tinnota li l-Montenegro, fil-pożizzjonijiet ta' negozjar tiegħu AD 1/16 CONF-ME 1 u AD 18/25 CONF-ME 5 jaċċetta l-acquis taħt il-kapitolu 13 kif inhu fis-seħħ fit-18 ta' Settembru 2025. Barra minn hekk, l-UE tinnota li l-Montenegro jiddikjara li ser ikompli l-proċess ta' allinjament mal-acquis u li ser ikun lest jimplementah sad-data tal-adeżjoni tiegħu mal-Unjoni Ewropea.

Barra minn hekk, l-UE tfakkar li jista' jkun hemm acquis ġdid bejn it-18 ta' Settembru 2025 u l-konklużjoni tan-negozjati.

ABBOZZ - EMENDI LEGALI LI JIRRIŻULTAW MILL-POŻIZZJONI KOMUNI TAL-UE

ANNEX [XX]

Lista msemija fl-Artikolu [XX] tal-Att ta' Adeżjoni: Miżuri tranżitorji

[X.] SAJD

32006 R 1967: Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1626/94 (ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11).

32019 R 1241: Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) Nru 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005.

- (a) B'deroga mill-Anness IX, il-Parti A (*Sardina pilchardus*) u l-Parti B, il-punt 2 tar-Regolament (UE) 2019/1241, għadd massimu ta' 24 bastiment li jtajru l-bandiera Montenegrina, li l-liċenzji tas-sajd tagħhom mhumiex trasferibbli u ma jistgħux jinbiegħu, għandhom jitħallew temporanjament jaqbd u s-sardin taħt id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni ta' 11 cm b'tartaruni tax-xatt b'daqs tal-malja ta' mill-inqas 12 mm fil-Bajja ta' Boka Kotorska għal perjodu ta' tliet snin mid-data tal-adeżjoni, bl-obbligu li jiġi adottat pjan ta' ġestjoni nazzjonali għas-sajd imwettaq mix-xbieki tat-tidwir kollha f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1967/2006, u dment li l-qabdiet minn dawn l-irkapti jkunu ttikkettati bit-tip ta' rkaptu tas-sajd u biż-żona tas-sajd preċiża, u li l-kummerċjalizzazzjoni tagħhom tkun ristretta għas-suq lokali. Jista' jsir rieżami u, fejn xieraq, aġġornament tal-pjan ta' ġestjoni nazzjonali matul il-perjodu speċifikat. Il-Montenegro għandu jippreżenta lill-Kummissjoni, mhux aktar tard mid-data tal-adeżjoni, il-lista ta' bastimenti koperti minn dan il-perjodu tranżitorju, inkluż il-karatteristiċi u l-kapaċità tagħhom, espressi f'termini ta' tunnellaġġ gross u kilowatts.
- (b) B'deroga mill-Artikolu 13(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, għadd massimu ta' 17-il bastiment li jtajru l-bandiera Montenegrina, li l-liċenzji tas-sajd tagħhom mhumiex trasferibbli u ma jistgħux jinbiegħu, għandhom jitħallew temporanjament jużaw tartaruni tal-borża sa għoli ta' 70 metru u tul ta' 400 metru sa 300 metru mill-kosta jew f'livell ta' fond ta' 50 metru jekk jintlaħqu f'distanza iqsar mill-kosta u f'fond ta' inqas minn 70 % tal-waqgħa totali tat-tartarun tal-borża fil-Bajja ta' Boka Kotorska għal perjodu ta' tliet snin mid-data tal-adeżjoni, bl-obbligu li jiġi adottat pjan ta' ġestjoni nazzjonali għas-sajd imwettaq permezz ta' dawn it-tartaruni tal-borża f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1967/2006. Jista' jsir rieżami u, fejn xieraq, aġġornament tal-pjan ta' ġestjoni nazzjonali matul il-perjodu speċifikat. Il-Montenegro għandu jadotta att subordinat ippjanat li ser jispeċifika aktar il-kundizzjonijiet spazjotemporalijiet speċifiċi li japplikaw għal dawn il-bastimenti li jużaw xbieki bit-tartarun tal-borża fil-Bajja ta' Boka Kotorska u s-siti ta' ħatt l-art deżinjati biex tittejjeb l-effiċjenza tal-kontroll u tal-monitoraġġ.

B'deroga mill-Anness IX, il-Parti C, il-punt 2 tar-Regolament (UE) 2019/1241, it-tliet bastimenti li jtajru l-bandiera Montenegrina għandhom jitħallew temporanjament jużaw tartaruni tal-borża sa għoli ta' 180 metru fl-ilmijiet territorjali u skont il-kwoti tal-qbid stabbiliti għal perjodu ta' tliet snin mid-data tal-adeżjoni.